



Brussell, 14 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11489/26

LIMITE

CORLX 727
CFSP/PESC 1076
RELEX 950
FIN 1004
COEST 534

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta'
azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-
indipendenza tal-Ukrajna

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi
fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu
l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj>.

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2026, il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid l-appoġġ sod u persistenti tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Il-Kunsill Ewropew stqarr li l-Unjoni ser tkompli tipprovdi, f'koordinazzjoni ma' sħab u alleati tal-istess fehma, appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku komprensiv lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha. Il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa l-eskalazzjoni serja reċenti mir-Russja, inkluż attakki bil-missili u bid-droni fuq skala kbira kontra persuni ċivili fl-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew esprima wkoll ir-rieda tal-Unjoni li żżid il-pressjoni fuq ir-Russja, inkluż billi timponi aktar sanzjonijiet.
- (3) Fid-dawl tal-aggressjoni kontinwa u li qed teskala tar-Russja kontra l-Ukrajna, u b'mod partikolari l-kampanja militari brutali reċenti tagħha mmirata deliberatament lejn l-infrastruttura ċivili, inkluż il-faċilitajiet tal-enerġija, tal-ilma u tas-saħħa, li kkawżat tbatija serja lill-popolazzjoni ċivili u li għandha l-għan li ddgħajfef ir-reżiljenza tal-Ukrajna, il-Kunsill iqis li huwa neċessarju li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.
- (4) B'mod partikolari, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li persuna waħda u ħames entitajiet jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:



Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"2105.	Irina Vladimirovna KHARISOVA bir-Russu: Ирина Владимировна ХАРИСОВА	Funzjoni: President tal-Bord tad-Diretturi ta' ABS Electro Data tat-twelid: 20.1.1980 Nazjonalità: Russa Sess: mara Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 771412568133	Irina Kharisova hija l-President tal-Bord tad-Diretturi tal-grupp ta' kumpaniji ABS Electro, u d-Direttur ta' diversi kumpaniji ta' dak il-grupp. Il-kumpaniji tal-grupp ABS Electro huma involuti fl-iżvilupp u l-manifattura ta' komponenti elettroniċi u radjoelettronici. Is-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni huwa meqjus strateġiku mil-lat tat-tkabbir ekonomiku. Wieħed mill-prodotti ewlenin ta' ABS Electro huwa l-antenna Kometa żviluppata minn JSC VNIIR-Progress, waħda mill-kumpaniji tal-grupp. Din is-sistema hija ddisinjata biex tfixx il-komunikazzjonijiet billi tinterferixxi mal-frekwenzi tar-radju, tas-satellita u tar-radar u biex ittejjeb ir-reżistenza kontra l-interferenza elettronika. Il-varjant Kometa-M, tip ta' antenna Kometa, jintuża f'apparati bħall-kits ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ u tal-bombi ggwidati ta' Shahed u Geran. L-armi li jinkorporaw antenni Kometa manifatturati minn JSC VNIIR-Progress jintużaw b'mod estensiv fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.	“+”;

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			Irina Kharisova hija wkoll id-Direttur ta' Limited Liability Company “Asset Automation” u l-Kap tal-Bord tad-Diretturi tas-sussidjarja tagħha, Joint Stock Company “ABS ZEIM Automation”. Joint Stock Company “ABS ZEIM Automation” hija kumpanija Russa li tipproduċi sistemi ta' kontroll awtomatizzati għal kumpaniji industrijali, b'mod partikolari fis-settur tal-enerġija. Waħda mill-attivitajiet ewlenin ta' Joint Stock Company “ABS ZEIM Automation” hija li tforni tagħmir lill-faċilitajiet tar-raffinar, tal-ħżin jew tat-trasport taż-żejt u tal-gass operati mill-kumpaniji ewlenin taż-żejt u tal-gass Russi. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt u tal-gass, huwa settur li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Irina Kharisova qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija involuta wkoll f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
"988.	Joint Stock Company "ABS ZEIM Automation" magħrufa wkoll bħala JSC "ABS ZEIM Automation" bir-Russu: Акционерное общество "АБС ЗЭИМ Автоматизация"	Indirizz: I.Yakovleva ave., 1, Cheboksary, 428003, Chuvash Republic, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 12.8.1992 Numru tar-reġistrazzjoni: 1022101130314 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2128006240	Joint Stock Company "ABS ZEIM Automation" hija kumpanija Russa li tipproduċi sistemi ta' kontroll awtomatizzati għal kumpaniji industrijali, b'mod partikolari fis-settur tal-enerġija. Waħda mill-attivitajiet ewlenin tal-Joint Stock Company "ABS ZEIM Automation" hija li tforni tagħmir lill-faċilitajiet tar-raffinar, tal-ħżin jew tat-trasport taż-żejt u tal-gass operati mill-kumpaniji ewlenin taż-żejt u tal-gass Russi. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt u tal-gass, huwa settur li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-gvern tal-Federazzjoni Russa. Joint Stock Company "ABS ZEIM Automation" hija wkoll parti mill-grupp ta' kumpaniji ABS Electro, li huwa involut fl-iżvilupp u l-manifattura ta' komponenti elettroniċi u radjoelettronici. B'mod partikolari, Joint Stock Company "ABS ZEIM Automation" hija proprjeta ta' Limited Liability Company "Asset Automation", li għandha t-trademark li taħtha jopera l-grupp ta' kumpaniji ABS Electro, u ta' Limited Liability Company "Asset Electro" permezz ta' Open Joint Stock Company "All-Russian Scientific Research, Design and Technological Institute of Relay Construction with pilot production".	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			ABS Electro group jinkludi lil JSC VNIIR-Progress, kumpanija Russa li tipproduċi l-antenna Kometa użata f'apparati bħall-kits ta' ingeni tal-ajru mingħajr ekwipaġġ u tal-bombi ggwidati ta' Shahed u Geran biex tissaħħaħ ir-reżistenza tagħhom kontra l-interferenza elettronika. JSC "Sokol Asset", li għandha s-sjeda ta' VNIIR-Progress u Limited Liability Company "Asset Electro", għandhom l-istess indirizz. Għalhekk, Joint Stock Company "ABS ZEIM Automation" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Hija assoċjata wkoll ma' JSC VNIIR-Progress.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENkar
989.	Limited Liability Company “Asset Automation” magħrufa wkoll bħala LLC “Asset Automation” magħrufa wkoll bħala LLC “Scientific and Production Enterprise “ABS Electro”” magħrufa wkoll bħala LLC “NPP “ABS Electro”” magħrufa wkoll bħala “ABS Electro Group” bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью “Эссет Автоматизация”	Indirizz: 121471, City of Moscow, Municipal District of the Intracity Territory, Mozhaysky, 2nd Peter Alekseev lane, building 2, structure 1; 109028, Moscow, Serebryanichaya Embankment, 29 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 27.4.2012 Numru tar-reġistrazzjoni: 1122130005502 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2130102938	Limited Liability Company “Asset Automation” hija kumpanija Russa li hija parti mill-grupp ta' kumpaniji ABS Electro u li hija involuta fl-iżvilupp u l-manifattura ta' komponenti elettroniċi u radjoelettronici. B'mod partikolari, Limited Liability Company “Asset Automation” hija d-detentur tat-trademark li taħtha jopera l-grupp ta' kumpaniji ABS Electro. Wieħed mill-prodotti ewlenin ta' ABS Electro huwa l-antenna Kometa żviluppata minn waħda mill-kumpaniji tiegħu, JSC VNIIR-Progress. Din is-sistema hija ddisinjata biex tfixxkel il-komunikazzjonijiet billi tinterferixxi mal-frekwenzi tar-radju, tas-satellita u tar-radar u biex ittejjeb ir-reżistenza kontra l-interferenza elettronika. Il-varjant Kometa-M, tip ta' antenna Kometa, jintuża f'apparati bħall-kits ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ u tal-bombi ggwidati ta' Shahed u Geran . L-armi li jinkorporaw antenni Kometa manifatturati minn JSC VNIIR-Progress jintużaw b'mod estensiv fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
			Limited Liability Company “Asset Automation” għandha wkoll is-sjieda ta' Joint Stock Company “ABS ZEIM Automation”, kumpanija Russa li tipproduċi sistemi ta' kontroll awtomatizzati għal kumpaniji industrijali, b'mod partikolari fis-settur tal-enerġija. Waħda mill-attivitajiet ewlenin ta' Joint Stock Company “ABS ZEIM Automation” hija li tforni tagħmir lill-faċilitajiet tar-raffinar, tal-ħżin jew tat-trasport taż-żejt u tal-gass operati mill-kumpaniji ewlenin taż-żejt u tal-gass Russi. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt u tal-gass, huwa settur li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Limited Liability Company “Asset Automation” qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Limited Liability Company “Asset Automation” hija involuta wkoll f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Hija assoċjata wkoll ma' JSC VNIIR-Progress.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-e lenkar
990.	Open Joint Stock Company “All-Russian Scientific Research, Design and Technological Institute of Relay Construction with pilot production” magħrufa wkoll bħala JSC VNIIR bir-Russu: Открытое акционерное общество “Всероссийский научно-исследовательский, проектно-конструкторский и технологический институт релестроения с опытным производством” magħrufa wkoll bħala АО “Вниир”	Indirizz: 4 I.Yakovleva Ave., Cheboksary, 428027, Chuvash Republic, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Miftuħa Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 19.6.1996 Nru ta' reġistrazzjoni 1022101131580 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2128001516	Open Joint Stock Company “All-Russian Scientific Research, Design and Technological Institute of Relay Construction with pilot production” hija kumpanija Russa li hija parti mill-grupp ta' kumpaniji ABS Electro u li hija involuta fl-iżvilupp u l-manifattura ta' komponenti elettroniċi u radjuelettroniċi. Open Joint Stock Company “All-Russian Scientific Research, Design and Technological Institute of Relay Construction with pilot production” hija proprjetà ta' LLC “Assets Electro”, kumpanija li għandha l-istess struttura ta' ġestjoni u sjieda bħal Limited Liability Company “Asset Automation”, il-kumpanija li għandha t-trademark li taħtha jopera l-grupp ta' kumpaniji ABS Electro. Flimkien ma' Limited Liability Company “Asset Automation”, Open Joint Stock Company “All-Russian Scientific Research, Design and Technological Institute of Relay Construction with pilot production” għandha wkoll ishma f'LLC “ABS ZEIM Automation”. ABS Electro group jinkludi wkoll JSC VNIIR-Progress, istitut Russu ta' riċerka u żvilupp li jipproduċi l-antenna Kometa użata f'apparati bħall-kits ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ u tal-bombi ggwidati ta' Shahed u Geran biex tissaħħaħ ir-reżistenza tagħhom kontra l-interferenza elettronika.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			JSC VNIIR-Progress u Open Joint Stock Company “All-Russian Scientific Research, Design and Technological Institute of Relay Construction with pilot production” għandhom l-istess indirizz. JSC VNIIR-Progress u Limited Liability Company “Asset Automation” huma soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni. Għalhekk, Open Joint Stock Company “All-Russian Scientific Research, Design and Technological Institute of Relay Construction with pilot production” hija assoċjata ma' Limited Liability Company “Asset Automation” u JSC VNIIR-Progress.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
991.	Limited Liability Company “Asset Electro” magħrufa wkoll bħala LLC “Asset Electro” magħrufa wkoll bħala LLC “Esset Electro” magħrufa wkoll bħala LLC “NPP “ABS Electro” bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью “Эссет Электро”	Indirizz: 109028, Moscow, Serebryanichaya Embankment, 29 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 23.4.2012 Numru tar-reġistrazzjoni: 1127746315762 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7710911530	Limited Liability Company “Asset Electro” hija kumpanija Russa li hija parti mill-Grupp ta' kumpaniji ABS Electro, u li hija involuta fl-iżvilupp u l-manifattura ta' komponenti elettroniċi u radjoelettronici. Hija għandha l-istess struttura ta' ġestjoni u sjieda bħal Limited Liability Company “Asset Automation”, il-kumpanija li għandha t-trademark li taħtha jopera l-grupp ta' kumpaniji ABS Electro. ABS Electro group notevolment jinkludi lil JSC VNIIR-Progress, istitut Russu ta' riċerka u żvilupp li jipproduċi l-antenna Kometa użata f'apparati bħall-kits ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ u tal-bombi ggwidati ta' Shahed u Geran biex tissaħħaħ ir-reżistenza tagħhom kontra l-interferenza elettronika. JSC “Sokol Asset”, li għandha s-sjieda ta' VNIIR-Progress, u Limited Liability Company “Asset Electro”, għandhom l-istess indirizz. JSC VNIIR-Progress u Limited Liability Company “Asset Automation” huma soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni. Limited Liability Company “Asset Electro” hija għalhekk assoċjata ma' “LLC Asset Automation” u JSC VNIIR-Progress.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
992.	Joint Stock Company “Sokol Asset” magħrufa wkoll bħala JSC “Sokol Asset” magħrufa wkoll bħala JSC “Sokol Essets” bir-Russu: Акционерное общество “Сокол Эссет”	Indirizz: 109028, Moscow, Municipal District Of The Intracity Territory Of Tagansky, Serebryanicheskaya Embankment, Building 29, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 11.4.2023 Numru tar-reġistrazzjoni: 1237700271423 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9710112971	Joint Stock Company “Sokol Asset” hija kumpanija Russa li għandha s-sjieda ta' JSC VNIIR-Progress. JSC VNIIR-Progress hija istitut Russu tar-riċerka u l-iżvilupp li jispjazzja fil-produttjoni ta' sistemi avvanzati ta' gwerra elettronika, b'mod partikolari teknoloġiji għall-imblukkar tas-sinjali u l-għbir ta' intelligence. Hija parti mill-grupp ta' kumpaniji “ABS Electro”. Wieħed mill-prodotti ewlenin tagħha huwa l-antenna Kometa, li hija ddisinjata biex tfixx il-komunikazzjonijiet billi tinterferixxi mal-frekwenzi tar-radju, tas-satellita u tar-radar u biex ittejjeb ir-reżistenza kontra l-interferenza elettronika. Il-varjant Kometa-M, tip ta' antenna Kometa jintuża f'apparati bħall-kits ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ u tal-bombi għwida ta' Shahed u Geran. L-armi li jinkorporaw antenni Kometa manifatturati minn JSC VNIIR-Progress jintużaw b'mod estensiv fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. JSC VNIIR-Progress ikkollaborat ukoll b'mod estensiv mal-Ministeru għad-Difiża tar-Russja, u żiedet b'mod sinifikanti l-produttjoni ta' sistemi ta' navigazzjoni u elettriki għal tagħmir militari.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			Għalhekk, Joint Stock Company “Sokol Asset” qed tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Għalhekk, qed tappoġġa wkoll azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	